MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 69/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Mercieca)**
**(Spt. Chris Pullicino)**
**Vs**
**Omissis**
**Joseph Attard**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Joseph Attard [detentur ta' karta tal-identita` numru 252360M] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli Nhar it-12 ta' Gunju 2003, għall-ħabta tas-6.30 ta' filgħaxija, fil-limiti magħrufa bhala Ta' Skrejda, fil-Mellieha, ikommettew serq ta' *mobile phone* minn fuq il-persuna ta' Emmanuel Sammut, liema serq li huwa kkwalifikat bil-vjolenza, sar għad-detriment tal-istess Emmanuel Sammut;

Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħebbew għal Emmanuel Sammut u kkaġunaw feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' l-imsemmi persuna skont kif ġie ċċertifikat mit-tabib Duncan Aquilina (Lic. No. 9741) mill-Isptar San Luqa;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi heddew bil-fomm lil Emmanuel Sammut b'xi delitt fejn flimkien ma' dan it-theddid kien hemm ordni jew kondizzjoni;

Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, uzaw il-vjolenza sabiex ġiegħlu lil Emmanuel Sammut jagħmel, iħalli isir, jew jonqos milli jagħmel xi haġa;

**<u>Lil omissis wahdu akkuzat ukoll talli</u>**:

Fil-limiti maghrufa bhala ta' skrejda fil-Mellieha, nhar it-12 ta' Gunju, 2003, ghall-habta tas-6.30 ta' filghaxija bil-hsieb li jikkometti reat u cioe' offiza ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna ta' Emanuel Sammut mill-Mellieha, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi saq il-vettura ta' l-ghamla tractor bin-numru tar-registrazzjoni ABE-682 fid-direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

**<u>Lil Joseph Attard waħdu akkuzat ukoll talli</u>**:

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-Ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nniffsu, lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun jew fixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu jew b'xi mod ieħor, kontra l-Liġi, indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-1 ta' Frar, 2011, li biha, ma sabitx lill-appellant Joseph Attard ħati tal-ewwel, ir-raba` w is-sitt akkuża, li minnhom illiberatu u **sabitu ħati tat-tieni u tat-tielet akkuża** u wara li rat l-artikoli 221, 339(b), 28A

tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannat lil Joseph Attard għal erba` (4) xhur priġunerija sospiżi għal sentejn u sabet lill-omissis mhux ħati skond l-akkużi u lliberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fid-19 (recte 14 skont it-timbru) ta' Frar, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha fil-parti li sabitu mhux ħati u tħassarha w tirrevokha fil-parti fejn sabitu hati billi minflok tiddikjarah mhux ħati u tilliberah skont il-liġi.

Fliet l-atti kollha processwali inklużi d-dokumenti kollha ppreżentati.[1]

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti :

a. Illi l-appellant kien fl-ghalqa inkwistjoni flimkien mal-imputat l-ieħor jaħdmu minghajr ma kienu qed jagħtu fastidju lil ħadd. Illi għalhekk, f'dan ir-rigward mhux kontestat, l-appellant ma kienx qed jikser il-ligi ghax kien fil-propjeta' tieghu fejn hu ghandu l-pussess legali ta' ħwejġu konfermat miż-żewġ sentenzi debitament ipprezentati u dan ai finijiet u effetti kollha tal-ligi. Illi għalhekk l-appellant kien qed jeżercita d-drittijiet tieghu u se mai jidher car li l-kwerelant Sammut ipprova jieħu l-liġi f'idejh meta ma kellux raġun imma ipprova jipproġetta li kellu raġun.

b. Illi ghalhekk, meta l-kwerelant Sammut ra l-imputat flimkien ma' omissis li kien qed jassistih fl-għalqa jaħdmu, hu rrabja għar-raġunijiet tiegħu u minn rajh ġie jilmenta mal-appellant u wara telaq barra mill-għalqa, ġera għall-bypass fejn, jidher li kienet ghaddejja karozza tal-mobile

[1] Fosthom is-sentenza'Il-Pulizija vs Emmanuel Sammut' tad-29 ta' Settembru 2006 li kieent dwar x'ġara fit-13 ta' Ġunju 2003 u fejn Emmanuel Sammut instab ħati biss tat-tielet imputazzjoni – spara arma tan-nar f'distanza ta' anqas minn mitejn metru minn post abitat b'priklu t' min kien seta' għaddej u kien ikkundannat iħallas Lm150 multa.

squad u huma ġew miegħu fejn kien hemm l-appellant flimkien ma’ omissis fejn sabuhom jaħdmu. Illi f’dan ir-rigward l-appellant ma kiser ebda ligi u se mai, Sammut kien qed jippretendi li kellu xi dritt li ma kienx ippruvat. Illi f’dan ir-rigward u f’dan l-istadju l-Pulizija ġew svijati għal kollox.

c. Illi s-sitwazzjoni giet aggravat kontra Sammut imma zviluppat favur l-appellant fejn Sammut anki akkuza l-appellant li hadlu l-mobile meta fil-fatt ma kien hadlu xejn. Illi dan hu konfermat mill-fatt li l-Pulizija ghamlu “search” fuq il-persuna sia tal-appellant kif ukoll omissis fejn ma sabu xejn. Illi l-Pulizija kienu gew mistednin icemplu l-mobile tal-kwerelant li kien qed idoqq imma l-mobile ma kienx fejn u/jew ħdejn il-kwerelant. Illi f’dan l-istadju l-istess Sammut holoq dubbju fejn issugerixxa li seta’ waqa’ fejn kien qabel ma dahal fl-ghalqa jew fejn kien qabel liema dubbju ġustifikat jimmilita favur l-appellant. Illi dan hu rilevanti peress li, għal darb’ohra, l-istess Sammut ħoloq dubju fuq is-sitwazzjoni li hu holoq fejn bhala konsegwenza qed jipprova jsallab l-appellant, li jigi hu l-mara ta’ l-istess kwerelant Sammut, mingħajr ebda raguni valida fil-ligi liema aspett l-Ewwel Qorti ma tatx importanza biżżejjed.

d. Illi aspett iehor li jimmerita konsiderazzjoni hu l-fatt ta’ allegat feriti w li sar ħebb kontra l-kwerelant. Illi wiehed isaqsi kif seta l-appellant jigi akkuzat f’dan ir-rigward? Illi filwaqt li l-akkuzi kontra l-appellant huma miċħud għal kollox, il-pożizzjoni tal-appellant hi sopportata mill-istess Galea li kien prezenti u li kien gie liberat. Illi dan l-aspett hu importanti peress li s-sitwazzjoni tkompli tgħin fil-kredibilita` tal-appellant u timmilita kontra l-kwerelat. Illi dan qed jingħad għax l-appellant jaf li l-kwerelant hu perikoluż u li jasal għal kollox biex b’hekk biex l-appellat għamel grif fuq il-persuna tiegħu għax kien jaqbillu ma tfissirx li l-appellant ghandu jirrispondi għal haġa li ma kellu x’jaqsam xejn fiha. Illi di piu, fix-xhieda tieghu l-istess Sammut indika li kien qala’ daqqa ta’ ponn go wiċċu kien gie issussat u intrass ġol-hajt. Illi kieku dan kien veru kien jirrizulta xi marki fuq il-persuna tieghu w/jew xi dmija w/jew xi forma ta’ tbengil liema haga ma rrizultatx. Illi c-

certifikat mediku hu inadegwat ghal kollox u mhux idoneju ghal dak allegat u fl-istess hin ma jurix li l-appellant fil-fatt kien ghamel xi haga fuq il-persuna ta' Sammut kif allegat minnu. Illi pero l-istess certifikat ma jikxifx il-fatt li Sammut seta` w/jew kien ghamel il-ferita fuq il-persuna tieghu jew personalment u/jew meta kien hiereg ghall-bypass u/jew qabel ma ra l-appellant fl-ghalqa u mar ikellmu. Illi f'dan ir-rigward filwaqt li hu michud dak allegat kontra l-appellant, din turi li ma kien hemm beda glied u l-akkuza li l-appellant hebb ghal Sammut ghandha tigi assorbita f'din l-akkuza li ma gietx ippruvata w dan ai finijiet u effetti kollha tal-liġi.

e. Illi ta min isemmi hu l-fatt li l-Ewwel Qorti gharrfet li Sammut kien tip emozzjonali u li jagħmel affarijiet mingħajr ma jirrifletti biżżejjed liema aspett timmerita` konsiderazzjoni partikolari ghax agir bhal dan ma jistax jigi injorat meta terzi persuni jigu akkuzati u/jew implikati ghax kwerelat jidhirlu hekk u mbaghad jigi ppruvat li ma kienx hekk.

f. Illi s-suespost punt hu konfortat mill-fatt li l-imputat l-iehor f'din il-kawza w cioe` omissis gie liberat. Illi dan il-fatt jipprova li filwaqt li omissis kien ghal kollox innocenti u gie ippruvat li m'ghamel xejn, hu xorta gie akkuzat fuq akkuzi li ghamel il-kwerelat fejn b'mod emozzjonali dahhal dan omissis f'sitwazzjoni meta fil-fatt ma kien ghamel xejn minn dak allegat kontrih. Illi dan l-aspett timmilita` favur l-appellant Attard u kontra l-istess Sammut li b'mod kapriċċjuż wera li m'hux fidabbli u dina l-Qorti qed tiġi mitluba tikkonsidra fid-dawl tal-każ.

g. Illi fil-verita` li qed jiġri u li ġara hu l-fatt li l-kwerelant Sammut qed jara kif jagħmel biex jiehu l-ghalqa ghalih u b'hekk istitwixxa dawn il-proċeduri u qed jinqeda bihom biex jiehu fil-pussess tieghu l-ghalqa. Illi f'dan ir-rigward, issa Sammut jaf li hemm priġunerija kontra l-appellant fejn l-istess Sammut issa jista` jixxala` bl-arma ta' rikatt permezz ta' din is-sentenza li gietu tajba bbazata fuq xhieda m'hux kredibbli u falz. Illi għalhekk, is-sistema giet sfruttata w użata liema ħaġa dina l-Qorti qed tigi mitluba tikkonsidra fid-dawl tal-kaz u tas-sitwazzjoni

Ikkonsidrat

**Punti Preliminari**

Li l-ewwelnett ikun tajjeb li jkunu ċċarati xi punti biex jintwera ċar dwar xhiex inhuma l-proċeduri tal-lum. Dan qed isir għax fil-proċess kienu inklużi diversi sentenzi u dokumenti dwar l-għalqa fejn seħħew l-allegat ksur tal-Liġi. Iżda iż-żewġ imputazzjonijiet li tagħhom instab ħati l-appellant huma ta' natura kriminali. Kull ġudikant irid jara dawn iż-żewġ imputazzjonijiet seħħewx jew le indipendentiment ta' min kienet jew hija l-għalqa in kwistjoni. Ħadd ma jista' jwettaq xi reat ukoll jekk fil-propjeta' tiegħu ħlief f'dawk il-każi meta l-liġi tqis l-għemil ġustifikat.

It-tieni: Ġaladraba l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant mill-1, mir-raba', u mis-sitt imputazzjoni, huwa nstab ħati biss tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni għaliex il-ħames imputazzjoni kienet kontra omissis.

Fi ftit kliem l-appellant instab ħati li fit**-12 ta' Ġunju 2003** kien ħebb għal Emmanuel Sammut u kkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-imsemmi persuna (Emmanuel Sammut) kif ġie ċċertifikat mit-tabib Duncan Aquilina mill-Isptar San Luqa; u

Fl-istess data' ħin, lok u ċirkostanzi hedded bil-fomm lil Emmanuel Sammut b'xi delitt fejn flimkien ma' dan it-theddid kien hemm ordni jew kondizzjoni.

It-tielet :Isegwi li l-imputazzjonijiet għandhom x'jaqsmu ma' x'ġara fit-12 ta' Ġunju 2003 biss u mhux ma' dak li ġara l-għada jew qabel it-12 ta' Ġunju 2003.

L-artikoli li ngħataw mill-Avukat Ġenerali dwar dawn iż-żewġ imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant kienu l-artikolu 221 u 339(b) tal-Kap 9. [2] (fol 400).

[2] L-artikoli l-oħra kellhom x'jaqsmu ma' imputazzjonijiet oħra li minnhom l-appellant kien liberat

Ir-raba': Għalkemm l-aggravju jidher maqsum f'seba' paragrafi, dawn jiffurmaw aggravju wieħed li jista' jkun espress b'dan il-kliem: li l-Ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament tal-fatti sew. Mill-bqija kull paragrafu huwa biss aspett tal-aggravju intiż biss biex isostni s-sottomissjoni tal-appellant li huwa ma kellux jinstab ħati fuq il-fatti għal xi raġuni jew oħra li huwa qed jesponi f'kull paragrafu. Filfatt l-appellant stess isejjaħlu 'aggravju', jiġifieri fis-singular u mhux 'aggravji' fil-plural.

**Apprezzamenti ta' Fatti**

Illi dwar apprezzament ta' fatti huwa magħruf fil-ġuriprudenza Maltija li l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti sakemm din tkun waħda li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għaliha.

Iżda l-Qorti eżaminat ix-xhieda bir-reqqa ħa tara jekk mill-provi setax ġudikant jasal għall-ħtija dwar it-tieni u t-tielet imputazzjoni fil-jum inidkat fiċ-ċitazzjoni u mhux fil-jum susswegwenti.

**Xhieda Prosekuzzjoni**

Mix-xhieda tal-Ispettur Joseph Mercieca (fol 22et) jirriżulta li kemm l-appellant kif ukoll omisss kienu nnegaw l-allegazzjonijiet kollha li saru mill-kwerelant. Mix-xhieda tiegħu jirriżulta li kien hemm għadd ta' kwistjonijiet bejn il-kwerelant u l-appellant dwar xi artijiet. Huwa rrefera wkoll għal sparatura li seħħet fl-istess inħawi l-għad tal-inċident u li l-appellant u Omissis kienu marru jagħmlu rapport l-għassa kontra l-kwerelant. L-Ispettur ikkonferma li l-kwerelant kellu xi ġrieħi.

Jirriżulta li Dr Duncan Aquilina kkonferma hekk:

'***Sibtu jsofri minn uġigħ f'għonqu u xi brix ħafif f'diversi partijiet ta' ġismu inkluż brix fuq in-naħa ta' ġewwa ta' xoftu tan-naħa ta' fuq u dan kien riżultat ta'***

***<u>xi daqqiet li l-pazjent qal li qala'.  X-rays ta' għonqu daharu, sidru u spalltu ma wrew ebda ksur.'</u>***

L-offiżi kienu deskritti bħala ħfief.

L-istess Pulizija li xehdu meta kien avviċinhom il-kwerelant qalu li huma nnutaw brix ħafif fuq imnieħru u fuq idejh – grif ta' swaba' ta' nies imqabbdin f'xulxin. .  Deher ukoll preokkupat dwar il-mobile.   (Ara fol 53 u 55 tal-proċess, xhieda ta' PC 741 George Spiteri,  Dan ix-xhud qal ukoll li ma rax demm.).   A fol 126 PC 1567 Patrick Fenech, li kien qed jakkompanja lil PC George Spiteri xehed li huwa kien ra xi grif fuq idejn Emmanuel Sammut.

PC 884 Joseph Muscat xehed ukoll li Emmanuel Sammut kien liebes shorts u kien ħafi.  Huwa kien qalilhom li l-flokk kienu ħaduhulu u ma ridux ituhulu. (fol 61).Iżda ma kinux staqsew lill-appellanti u lill-Omissis dwar it-t-shirt minħabba li Emmanuel Sammut kien aktar preokkupat dwar il-mobile milli dwar il-flokk. (fol 68)

Iżda Emmanuel Sammut xehed hekk:

'Ġie Joe Attard, tajjarli l-kaxxa tal-bajtar minn idejja u tani daqqa ta' ponn ġo wiċċi u meddni mal-art.  Kif qomt reġa' qabadni u ssussani mal-ħajt.  Kelli t-t-shirt fuqi fetaqhuli, qattgħu u qallu 'issa mur l-għassa jekk għandek ħila.' Żied jgħidlu ' Jekk tmur tirraporta din id-darba ma teħlishiex.'  L-istess appellant kien beda jidgħi għax qallu biex joħroġ 'il barra minn hemm għaliex kien sejjer 'itihielu'.  (fol 48)

Żied jgħid ukoll li huwa beda jibża' li ser joqtluh b'dak it-tractor imqabbad.  Kien għalhekk li talab l-għajnuna tal-mobile squad li kienu għaddejin dak il-ħin għax fejn kien qala' x-xebgħa kien għad għandu l-vettura tiegħu u beda jibża' jmur jeħodha.

Victoria Sammut, mart Emmanuel Sammut, (ara fol.74) xehdet li Emmanuel Sammut kellu gundalla fuq widn aminnhom, imnieħru bid-demm u mibrux.  Subgħajh kienu

għadhom mhux dritti dak in-nhar li xehdet (29 t'Awwissu 2003).

PC 111 Mark Anthony Cutajar xehed li Emmanuel Sammut deher aġitat u l-istess Sammmut kien qal lix-xhud li Joe Attard kien qallu: 'Jekk ma tiffirmax dikjarazzjoni li m'intix ġej 'l hawn inkomplu nsawtuk' [3] Dan ma kienx innota xi daqqiet fuq wiċċ Emmanuel Sammut (fol 120).

PS 162 Joseph Howard xehed li l-kwerelant kien mar is-CID biex jara x;tip ta' azzjoni kienet qed tittieħed. (fol 123) Il-kwerelant ma mellux demm u kien mar il-Headquarters tal-Pulizija bil-mixi. [4]

**L-Istqarrija u x-xhieda ta' Joseph Attard**

L-appellant Joseph Attard ta verżjoni oħra fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija. Huwa fil-fatt qal hekk:

'Ħin minnhom (l-appellant) baqa' ġej lejja, laqatni bil-barmil li kellu u għditlu biex jitlaq 'il barra mill-għalqa tiegħi. Huwa baqa' hemm u ma nafx li argumentajna aktar.'[5]

Meta xehed (fol 459) huwa qal li kien qed jaqta' l-bajtar u kien talab lil Omissi jaħratlu l-għalqa bit-tractor. Emmanuel Sammut daħal fl-għalqa u beda jaqta' l-bajtar ukoll u offendieh. Imbagħad Emmanuel Sammut 'laqtu' bil-barmil. L-appellant ċaħad li kien ħebb għal Emmanuel Sammut li kien liebes shorts biss. Imbagħad kienu waslu l-Pulizija u ċemplu n-numru tal-mobile ta' Sammut iżda l-mobile ma nstabx fl-għalqa għalkemm beda jdoqq. Imbagħad ix-xhud xehed dwar dak li ġara l-għadu filgħodu (li mhux mertu ta' dawn il-proċeduri). Huwa baqa' jsostni li huwa kellu dritt jaħrat l-għalqa fejn inqala' l-allegat

---

[3] Iżda dan huwa heaersay evidence għax mhux kliem li ntqal direttament mill-appellant lix-xhud.

[4] F'dan il-oroċess kien ippreżantat ukoll Proces Verbal dwar sparatura b'senter tal-kaċċa li seħħet fil-post magħruf Ta Skadra l/o Mellieħa fit-13 ta' Ġunju 2003. Fl-atti tal-proċeduri ta' llum tinstab ukoll xhieda dwar allegat ksru ta' kundizzjoni tal-liberta' proviżorja (fol 241 sa 262).

[5] Il-bqija tal-istqarrija hija dwar l-inċident li ġara l-għada tal-ġrajjiet li huma l-qofol ta' dawn il-proċeduri.

inċident fit-12 ta' Ġunju 2003. Dwar il-grif li kellu fuqu Emmanuel Sammut, ix-xhud qal li dawn setgħu kienu fuqu qabel ma Sammut wasal fl-għalqa.

Ikkonsidrat

Illi meta l-Qorti għasret il-provi relevanti dwar iż-żewġ imputazzjonijiet li tagħhom instab ħati l-appellant qed tikkonkludi li bħall-Ewwel Qorti li l-appellant tassew ħebb għal Emmanuel Sammut u għamillu ġrieħi ħfief. Għal dak li huwa n-natura tal-ġrieħi il-Qorti qed toqgħod fuq dak li qal it-Tabib Duncan Aquilina għaliex xjentifikament huwa aktar preċiż milli x'raw il-pulizija jew Victoria Sammut.

Il-Qorti wkoll hija konvinta li kien l-appellant li għamel dawn il-feriti għaliex fix-xhieda bil-ġurament tiegħu xejn ma jinħoss konvinċenti meta jibda jiċħad li kien hu li b'xi mod għamel il-grif fuq Emmanuel Sammut inkluż l-offiża fuq in-naħa ta' ġewwa tax-xoffa ta' Emmanuel Sammut. Kien aktar inattendibbli meta beda jallega li Emmanuel Sammut seta' kellu l-grif qabel wasal fl-għalqa. Dan kien punt debboli fix-xhieda tal-appellant li wera kemm l-appellant kien qed jipprova jsib xi via d'uscita minn dak li kien xehed qabel Emmanuel Sammut.

L-appellant mhux skużat li refa' jdejh fuq Sammut imqar jekk l-appellant, skont kif qed jallega hu, kien fi ħwejġu u imqar jekk Emmanuel Sammut kien qed ivanta xi dritt ċivili li seta' kellu u seta' ma kellux. L-istat ta' dritt jew ir-rule of law jipprekludi lil kwalunkwe persuna milli tiehu l-liġi b'idejha. U l-Qorti tagħmilha ċara li dawn il-proċeduri m'għandhom x'jaqsmu assolutament xejn ma' titoli ta' art.

L-abbli avukat difensur jissottometti fil-paragrafu (d) li l-pożizzjoni tal-appellant hija sopportata mill-istess Omissis li kien preżenti u ġie liberat. Dan l-argument ma jreġix. Il-fatt li ko-akkużat ikun liberat ma jfissirx li l-ko-akkużat l-ieħor għandu joħroġ liberat. Lanqas ma jreġi l-argument li Emmanuel Sammut kien bniedem emozzjonali biex il-ħtija tal-appellant tisfuma fix-xejn. L-Ewwel Onorabbli Qorti għarfet din il-kwalita' ta' Emmanuel Sammut – bħalma ħassitha din il-Qorti – iżda xorta sabet lill-

appellant ħati tat-tieni imputazzjoni bħala l-awur tal-ġrieħi ħfief.

Il-Qorti wkoll qed tikkonkludi li l-appellant hedded lil Emmanuel Sammut. Il-kliem kien ċar u m'hemmx dubju dwar dan. Lanqas ma wieħed jista' jgħid li kien hemm esaġerazzjoni dwar din l-imputazzjoni huwa u jixhed Emmanuel Sammut.

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant din il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Ewwel Qorti setgħet tasal għall-konlużjoni li waslet għaliha raġonevolment u legalment. Isegwi għalhekk li l-Qorfti qed tiċħad l-appell bl-aggravju tiegħu u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Omissis u Joseph Attard' fl-1 ta' Frar 2011. Il-Qorti qed twissi lill-appellant li l-artikolu 28A tal-Kap 9 – li bis-saħħa tiegħu l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-erba' xhur priġunerija għandhom ikunu sospiżi għal sentejn – iġorr miegħu konsegwenzi serjissimi jekk l-appellant iwettaq xi reat matul is-sentejn li ġejjin. Dawn jibdew jiddekorru mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------